# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

### Illum il-Ġimgħa, 12 t'April, 2019

**Kawża Nru: 27**

**Rik Ġur Nru: 803/13 JA**

**Louis Farrugia, Catherine Polidano, Carmen Farrugia, Rita Abela aħwa Farrugia, John Zammit, Louis Zammit, Carmelo Zammit, Rita Ciantar, Carmen Schembri aħwa Zammit, Rita Bonnici, Carmel *sive* Charles Zammit, Joseph Zammit, u b'digriet tal-1 t'Ottubru 2015 l-atti ġew trasfużi f'isem martu Maria Zammit u bintu Mary Kay Vassallo *stante* li l-istess Joseph Zammit miet fil-mori tal-kawża, aħwa Zammit kif ukoll Simon Zammit bin il-mejjet John Zammit, u Norma Zammit armla minn Johann ukoll bin il-mejjet John Zammit, u din bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha minuri Jean Zammit.**

**-vs-**

**Dr Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti li b'digriet tal-4 t'Ottubru 2013 ġew nominati bħala**

**kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti ta' Duminku Rapinett; u**

**Dr Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li b'digriet tat-23 ta' Settembru 2013 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Grace Borg.**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Louis Farrguia li ġie ppreżentat fit-22 ta' Awissu 2013 fejn ġie premess:

Illi l-esponenti huma eredi ta' tlieta minn ħut Cathrine *sive* Kitty xebba Zammit mart Duminku Rapinett it-tnejn ukoll mejta, u ċjoe' Saviour Zammit, Joseph Zammit u Giovanna Farrugia  xebba Zammit u dan kif jirriżulta mill-anness Dok 'A' u Dok 'B', Dok 'C' u Dok 'D'.

Illi kif jirriżulta mill-aħħar testament tal-imsemmija Catherine *sive* Kitty u Duminku Rapinett hawn anness Dok 'E', liema testament huwa testament *"unica charta"*, dawn ħallew lis-supertiti minnhom bħala eredi universali ta' xulxin, b'dana li wara mwiethom it-tnejn, il-wirt jaqa' fuq *"l-eqreb demm"* taż-żewġ testaturi.

Illi l-imsemija Catherine *sive* Kitty u Duminku Rapinett ma kellhomx tfal, u fil-mument ta' mwiethom, kienu mejtin ukoll il-ġenituri tagħhom.

Illi Catherine *sive* Kitty Rapinett xebba Zammit kellha sitt ħutha oħra u ċjoe' Saviour u Joseph ulied Carmelo Zammit u Giovanna nee' Tanti mill-ewwel żwieġ ta' missier Catherine Zammit, Carmelo u Giovanna, John Mary *sive* Jimmy, Carmelo u Grace ulied l-istess Carmelo Zammit u Antonia Tanti allura mit-tieni żwieġ ta' Carmelo Zammit, kollox kif jirriżulta mill-anness Dok 'F'.

Illi mill-imsemmija aħwa ta' Kitty Rapinett għadha ħajja biss Grace Zammit miżżewġa Borg li tgħix l-Awstralja.

Illi r-rikorrenti jixtiequ li l-wort tal-imsemmija Catherine *sive* Kitty u Duminku Rapinett jiġi likwidat u diviż skont l-istipulazzjonijiet tat-testment hawn anness Dok 'F'.

Illi r-rikorrenti għamlu diversi tentattiv sabiex jintraċċjaw *"l-eqreb demm"* ta' Duminku Rapinett, iżda dan inutilment.

Għalqastnat l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara li l-esponenti għandhom sehem mill-eqreb demm min-naħa tal-imsemmija Catherine *sive* Kitty Rapinett kif intqal fuq:

2) Tagħraf u tillikwida l-assi konsistenti il-wirt ta' Duminku u Catherine *sive* Kitty Rapinett okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3) Taqsam l-istess assi, u jekk dawn ma jirriżultawx komodament diviżibbli, tordna li l-istess assi jinbiegħu bl-irkant f'liċitazzjoni skont il-liġi, kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, inġunti għas-subizzoni tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati Dr Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti preżentata fl-20 ta' Frar 2014 fejn eċċepew:

Illi huma għadhom kif ġew notifikati bir-rikors maħluf promotur, għalkemm ma ngħatawx kopji tad-dokumenti mehmuża mar-rikors oriġinali.

Illi huma ma jafux il-fatti li wasslu għall-kawża u għalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu tweġiba oħra hekk kif jingħataw aktar tagħrif dwar il-konjuġi Rapinett.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-kuraturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut preżentata fil-21 ta' Frar 2014 fejn ġie eċċepit:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża pero' jirriservaw illi jippreżentaw risposta ġuramentat ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-każ odjern.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-istess kuraturi u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi.

Rat iż-żewġ rapporti tal-A.I.C. Joseph Ellul Vincenti nominat biex jirrelata dwar il-valur tal-proprjeta' miżmuma in komun bejn il-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar 2019 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi jidher mill-provi mressqa li fil-fatt hemm proprjeta' waħda li għandha tinqasam, u ċjoe' 51, Triq il-Bieqja, Birzebbuġa u li ġiet stmata €120,000. Huwa evidenti wkoll li din mhijiex komodament diviżibbli u allura għandha tinbiegħ taħt l-Awtorita' tal-Qorti. L-ishma rispettivi huma ndikati mal-affidavit tal-attur Carmelo Zammit u se jkunu riprodotti fil-parti dispożittiva tas-sentenza.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attrici b'dan li tordna li l-fond 51, Triq il-Bieqja, Birzebbuġa jinbiegħ taħt l-awtorita' tal-Qorti a bażi tas-somma fuq imsemmija ta' mija u għoxrin elf Ewro (€120,000) u r-rikavat jinqasam f'dawn il-kwoti:**

**Louis Farrugia, Catherine Polidano, Carmen Farrugia u Rita Abela – $^{1}/_{32}$ kull wieħed u waħda**

**John Zammit, Louis Zammit, Carmelo Zammit, Rita Ciantar u Carmen Schembri – $^{1}/_{40}$ kull wieħed u waħda**

**Rita Bonnici, Carmel Zammit – $^{1}/_{32}$ kull wieħed u waħda**

**Jean Zammit – $^{1}/_{64}$**

**Simon Zammit – $^{1}/_{64}$**

**Maria Zammit u Mary Kay Vassallo – $^{1}/_{64}$ kull waħda.**

**L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu skont is-sehem rispettiv ta' kull parti fil-kawża.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**